**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali taż-Żejtun**

ŻEJTUN
Citta' Beland
Frott iż-Żebbuġ Ismi

**Laqgħa Nru. 09/24**
**Data:** It-Tlieta, 6 ta' Awwissu 2024
**Ħin:** 5:40pm
**Post:** Sala Mikiel Cachia, 'Dar iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun

**Preżenti**
Joan Agius - Sindku
Raymond Caruana - Viċi-Sindku (Sat-8:30pm)
Enya Abela - Kunsilliera
Christian Attard - Kunsillier (Sas-6:35pm)
Anthony Aquilina - Kunsillier
Dorcas Camilleri - Kunsilliera
Roderick Caruana - Kunsillier (Mis-6:40pm)
Ivan Giardina - Kunsillier
Luke Doublet - Kunsillier (Sat-8:30pm)
Angelo Caruana - Assistent Prinċipali
Anton Falzon - Segretarju Eżekuttiv

## AĠENDA

**09.01** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**
**09.02** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;**
**09.03** **Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;**
**09.04** **Tweġibiet għal mistoqsijiet mill-Kunsilliera;**
**09.05** ***Items* oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa**
**09.06** **Slow streets;**
**09.07** **Traffic Management - Triq Bugħarbiel;**
**09.08** **Żejt iż-Żejtun;**
**09.09** **Servizz tas-Silver-T;**
**09.09** **Attivitajiet organizzati mill-Kunsill;**
**09.11** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-pagamenti;**
**09.12** **Mozzjonijiet; u**
**09.13** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**09. 1.** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 09. 1. 1 | | | Ma kinx hemm ittri ta' apoloġija. | |

**09. 2.** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| | | Proponent:<br>Sekondant: | Il-Minuti 08/24 inqraw u ġew approvati nem.con. B'dawn il- korrezzjonijiet. | |
| 09. 2. 1 | 09.08.07 | Attard: *Gay Pride Week* | Il-Ġnien irid jaqra Ġnien il-Qawsalla. | |
| 09. 2. 2 | 08.04.02 | Abela: *Crash barriers* | Abela qalet ukoll sabiex jitħawwlu iktar siġar. | |
| 09. 2. 3 | | Giardina: Triq il-President Anton Buttigieg | Giardina qal li qed jinħoloq periklu kbir għax sewwieqa qed jaqsmu l-karreġjata biex jieqfu jixtru. Hemm bżonn li jew jiżdiedu l-barriers jew isir xi tip ta' diviżorju biex il-lanes ma jkunux jistgħu jinqabżu. Is-Segretarju qal li għandna nipproponu traffic management bil-barriers fin-nofs lill-TM. Semma wkoll li fl-2013 konna għamilna studju dwar l-*speed cameras*. | |

**Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv**

| Riferenza | | | Rif | Rapporti mill-Minuti<br>Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 09. | 2 | 5 | 08.04.03 | Attard: Triq Wied il-Għajn | Il-Mera twaħħlet u l-*sleeping police* ser isiru wkoll. | Sindku |
| 09. | 2 | 6 | 09.08.01 | Attard: Mixja | Attard qal li s-Sur Seychell għamel il-mixja u ġabar is-somma ta' €3810 fejn hu bħala kunsillier ta l-appoġġ tiegħu. | Attard |
| 09. | 2 | 7 | 08.04.02 | Abela: *Crash barriers* | Abela staqsiet dwar dan. Is-Sindku qalet li erġajna tkellimna ma' IM u dawn ma qablux li għandhom isiru. Caruana Ray semma l-problema tat-trailers li qed jipparkjaw. Qed tiġi tekiljata din il-problema.<br>Abela talbet sabiex issir iktar pressjoni dwar dan. Attard qal li għandha issir pressjoni sabiex jiġu rranġati l-*street lighting*. Camilleri fakkret fiz-zebra crossing li trid issir. Aquilina qal li iridu jsiru wkoll barriers fi Vjal il-25 ta' Novembru. Hemm bżonn ukoll li jitneħħa ċ-ċagħaq u jsir xi tip ta' ċangaturi u jiġu rranġati l-konok. Abela qalet li wkoll qed isir parking abbużiv u dan għandu jinqata'. | Sindku |
| 09. | 2 | 8 | 09.08.05 | Abela: Diskussjoni | Abela qalet li fit-13 ta' Novembru ser jiġi l-*Mobile Dental Unit* bejn it-8:30am u l-11:30am f'Misraħ Gregorio Bonici. Id-diskussjoni mhux ser issir kif kien pjanat. Aquilina semma l-punt li xi darba il-*Blood Donation Unit* iżur żoni oħra fiż-Żejtun. | Abela |
| 09. | 2 | 9 | 08.03.10 | Aquilina: Lista ta' xogħolijiet fit-toroq | Aquilina staqsa dwar dan. Is-Sindku qalet li dalwaqt jibda x-xogħol f'Misraħ Mikiel Anton Vassalli. Tlabna laqgħa ma' Steve Ellul. | Sindku |
| 09. | 2 | 10 | 08.03.08 | Sindku: Quddiesa ta' ringrazzjament | Aquilina faħħar il-mod kif kienet organizzata din il-quddiesa u l-bibita wara. | Sindku |
| 09. | 2 | 11 | 08.03.11 | Sindku: Bust ta' Sur Joe Attard / Zebra Crossing Triq Alfredo Cachia Zammit | Aquilina staqsa dwar dan u talab li jkun hemm update dwar dawn. Is-Sindku qalet li l-Gal Xlokk laqgħu posittiv l-aħbar li l-bust ser ikun qed jitmexxa lejn il-misraħ. Il-bust huwa kważi lest u qed jinħadem ukoll il-pedestall. | Sindku |
| 09. | 2 | 12 | 09.08.03 | Camilleri: Erasmus | Camilleri qalet li dan ser isir is-sena d-dieħla. | Camilleri |
| 09. | 2 | 13 | 09.08.02 | Camilleri: *Revision Classes* | Camilleri qalet li dawn il-lezzjonijiet għaddejjien u għandhom sal-ewwel ġimgħa ta' Settembru. | Camilleri |
| 09. | 2 | 14 | 08.03.05 | Sindku: Laqgħat | Is-Sindku qalet li qed ikollha laqgħat mal-għaqdiet u magħha qed jattendu l-Viċi-Sindku kif ukoll Aquilina fejn qed jiġu diskussi diversi temi. Dawn ser jibqgħu isiru darba fix-xahar. | Sindku |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 09. | 2 | 15 | 08.03.07 | Sindku: Ħaddiema klerikali | Is-Sindku staqsiet fiex waslet l-uniformi. Din għadha qed tiġi ċċekjata u ser inġibu samples. | Segretarju Eżekuttiv |
| 09. | 2 | 16 | 08.03.12 | Segretarju Eżekuttiv: Dawl fi Ġnien iż-Żgħożija | Is-Sindku qalet li d-dawl fi Ġnien iż-Żgħożija ser ikun qed jiġi mibdul. | Segretarju Eżekuttiv |
| 09. | 2 | 17 | 08.06.01 | Sindku: Bord tal-Manuċċa | Is-Sindku qalet li bħalissa għadu qed imexxi l-bord li kien hemm sakemm jinbidlu l-firmatarji u jibda jiffunzjona l-bord il-ġdid. | Sindku / Segretarju Eżekuttiv |
| 09. | 2 | 18 | 08.08.10 | Sindku: Foam party | Is-Sindku qalet li dan kien suċċess u attendew 70 tifel u tifla. | Sindku |
| 09. | 2 | 19 | 08.08.11 | Sindku: Ġurnata fuq il-Horn Blower | Is-Sindku qalet li l-booking għadu miftuħ. | Sindku |
| 09. | 2 | 20 | 08.08.12 | Sindku: Play | Is-Sindku qalet li l-preparamenti għal din l-attivita' għaddejjien u min jixtieq jattendi kemm javżaha. | Sindku |

**09 3 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML09/24 B'riferenza għal:

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 09 | 3 | 1 | | Sindku: Laqgħa mal-Ministru tat-Trasport | Is-Sindku qalet li l-Ministru laqgħana u flimkien mal-Viċi-Sindku ġew diskussi l-proġett tal-Barrani kif ukoll ix-xewqa li Triq Ħal Traxien issir One Way. Kien hemm diskussjoni dwar u kien hemm qbil unanimu. Qaltlu wkoll fuq iz-zebra crossing ta' Triq Alfredo Cachia Zammit u qalilha li din ser iċaqqlaqha TM. Saret talba wkoll biex issir mill-ġdid iż-zebra crossing fi Triq Sant' Anġlu u din ser jieħdu ħsibha wkoll. | Sindku |
| 09 | 3 | 2 | | Giardina: Latrina fi Pjazza Sant'Anġ | Giardina ġibed l-attenzjoni li din il-kamra mitluqa u qed isiru abbużi ta' ħmieġ barra. Is-Sindku qalet li l-kamra li ġiet devoluta lilna għandna naraw il-possibilta' li din issir latrina wkoll. Ser inressqu din il-proposta'. | Sindku / Segretarju Eżekuttiv |
| 09 | 3 | 3 | | Sindku: Kamra tal-Periti | Is-Sindku qalet li kellhom laqgħa fejn flimkine ma' Attard u Aqulina iddiskutew fuq ix-xogħol li sar. Irringrazzjawna li lqajnihom u li aħna lqajna s-suġġerimenti li għaddewlna. | Sindku |
| 09 | 3 | 4 | | Sindku: Laqgħa | Is-Sindku qalet li hi flimkien ma' Aquilina kellhom laqgħa mal-grupp li jmexxu l-Knisja ta' Santa Marija. Il-Ġimgħa ser jagħmlu attivita' u fl-assenza tas-Sindku u Viċi-Sindku ser jattendu Attard u Aquilina. | Sindku |
| 09 | 3 | 5 | | Sindku: Tenders | Is-Sindku qalet li l-bord tat-tenders ser ikun iffurmat hekk:<br>Adġudikazzjoni:<br>Sindku, Viċi-Sindku u Abela.<br>Jinfetħu minn:<br>Attard, Aquilina u Camilleri.<br>Dwar dan kien hemm qbil unanimu. | Sindku / Segretarju Eżekuttiv |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 09 | 3 | 6 | Sindku: Laqgħa mal-Community Police | Is-Sindku qalet li ltaqgħet magħhom u x-xogħol għaddej. Bħala uffiċju ser jibqgħu joperaw mill-Kunsill Lokali. Talbet biex ngħaddulhom iktar complaints biex isir ix-xogħol fuqhom. Abela ġibdet l-attenzjoni li qed ikun hemm drabi li ma tkunx tista' tikkomunika magħhom. Is-Sindku qalet li dan peress li huma jaħdmu bix-shift.<br>Wara din kien hemm laqgħa mal-Ufficjali tal-LESA fejn iddiskutew l-andament tax-xogħol min naħa tagħhom ukoll. | Sindku |
| 09 | 3 | 7 | Sindku: Un/loading bays | Is-Sindku qalet li hemm policy min naħa ta' TM u din għandha tiġi osservata meta napplikaw għal dawn l-ispazji. | |
| 09 | 3 | 8 | Sindku: Filming | Is-Sindku qalet l iġejna mitluba sabiex isir filming tas-serje Friefet għal fuq Net TV. Ser jingħataw iċ-ċans li jagħmlu u kien hemm qbil unanimu dwar dan. | Sindku |
| 09 | 3 | 9 | Sindku: Bankijiet is-Suq | Is-Sindku qalet li ntlabna nagħmlu bankijiet is-suq u marret mal-ħaddiema biex tara fejn l-aħjar isiru. Kien hemm qbil unanimu dwar dan. Sar ukoll bin kif jidħlu mir-rampa. | Sindku |
| 09 | 3 | 10 | Sindku: Laqgħa mar-Reġjun | Is-Sindku qalet li kellha laqgħa dwar il-flus li qed inħallsu għall-iskart. Issemmew ukoll il-magni tal-BCRS u tlabna li dawn jiżdiedu. Tqajmet il-problema tal-ħamiem u jidher li hemm sistema li ser tkun qed tiġi mitkellma u jaraw tistax tiġi mplimentata biex dan jitnaqqas. | Sindku |
| 09 | 3 | 11 | Sindku: Inventarju | Is-Sindku qalet li għandu isir inventarju tal-oġetti kollha tal-Kunsill u min jieħu oġġett jiffirma għalih. Ser naraw kif dan jista' jsir. | Sindku |
| 09 | 3 | 12 | Sindku: Stedina minn Celano | Is-Sindku qalet li rċevejna stedina sabiex is-Sindku l-Viċi-Sindku jitilgħu Celano għal Festa L'Anno Federiciano u Seminar. Qalet li l'quddiem tittama li jitla' l-Kunsill kollu.<br>Din ġiet organizzata minn naħa tal-MTA. | Sindku |
| 09 | 3 | 13 | Sindku: Laqgħa tar-Reġjun | Is-Sindku qalet li fil-11 ta' Settembru ser issir il-laqgħa fi Ġnien l-Għannejja Żwieten. Programm ser jitħabbar iktar 'l quddiem. | Sindku |
| 09 | 3 | 14 | Sindku: Ġnien Brejġu | Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li x-xogħol dalwaqt jibda. | Sindku |
| 09 | 3 | 15 | Aquilina: Tindif | Aquilina ressaq proposta sabiex it-tindif tal-pavimentar tal-Knisja ta' San Girgor. Ġie spjegat li dan qed jitnaddaf mill-kuntrattur darba fix-xahar. Intlaħaq ftehim ukoll li l-skips għandhom jitħallsu sal-aħħar tas-sena u wara jieħu ħsiebhom l-arċipriet peress li hemm porpjeta' tal-knisja Ser jiġi nfurmat immedjatament. Kien hemm qbil unanimu dwar dan. | |

17

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 09 3 16 | | Sindku: Traffic management | Is-Sindku qalet li ser issir laqgħa bejn il-kunsilliera interessati sabeix isir studju dwar toroq li għandhom isiru one-way. | |
| 09 3 17 | | Sindku: Reġistrazzjoni tal-feeders tal-qtates | Is-Sindku qalet li dawk li jitimgħu il-qtates għandhom jirreġistraw immedjatament sabiex meta toħroġ l-iskema nkunu nafu bihom. | |
| **09. 4.** | | **Tweġibiet għal mistoqsijiet mill-Kunsilliera;** | | |
| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 09. 4 1 | | Viċi-Sindku: Bozoz LEDs | Il-Viċi-Sindku qal li bħalissa qed jinbidlu bozoz għal LEDs minħabba li dawn mhux isibu spare parts tal-bozoz l-antiki. Talab li dawn jinbidlu biss jekk tinqata' l-bozza u għal ebda raġuni oħra. | Viċi-Sindku |
| 09. 4 2 | | Viċi-Sindku: Proġett pilota | Il-Viċi-Sindku qal li hemm bżonn jinbeda proġett sabiex jinbidlu l-fanali fi Triq San Girgor u jsiru hanging lights. Qal ukoll li wasal iż-żmien li jitneħħew il-palm fil-parti ta' quddiem il-bank HSBC u jinbidlu l-fanali wkoll. Ser inkunu qed naraw minn fejn nistgħu nġibu l-fondi għal dan kollu. | |
| 09. 4 3 | | Abela | Abela qalet li hemm xogħol pendenti fosthom bozza ġdida fi Triq Ħal Għwann, tabella tal-skart fi Triq il-Faqqus fost oħrajn. Dan ix-xogħol irid il-ħin tiegħu u bilmod ser ikun qed isir. Abela sostniet li għandha tingħata tweġiba għal dan ix-xogħol pendenti. | Sindku |
| 09. 4 4 | | Aquilina: Parkeġġi riservati | Aquilina ġibed l-attenzjoni għalfejn ingħataw ħafna parkeġġi waqt tieġ. Kien hemm diskussjoni dwar dan u kien hemm qbil li għandhom jingħataw sa 4 parkeġġi riservati biss. | |
| **09. 5.** | | **Items oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa** | | |
| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 09. 5 1 | | Attard: Skate Pak | Attard informa l-Kunsill li ġie avviċinat minn MOVE sabiex grupp ta' żgħażagħ jsewwu l-ħsarat li hemm fir-rampi tal-skate park. Ix-xogħol ser ikun qed jibda fid-19 t'Awwissu u ser jitħallas biss mill-Kunsill il-materjal. L-ispiża ser tlaħħaq mas-€600. Ser tinbidel ix-xibka li hemm fil-grawnd iż-żgħir fl-istess ġnien. | Attard |
| 9 5 2 | | Attard: Mera fi Triq il-Kantur | Attard qal li hemm resident li jrid jinstalla mera. Bħala policy tal-kunsill r-residenti iridu jħallsu huma għal mirja privati. | |
| 9 5 3 | | Attard: European Mobility Week | Attard qal li ser ikun qed jattendi f'isem il-kunsill. Din ser issir fid-9 t'Awwissu fil-lokalita' ta' Bormla. | Attard |
| 9 5 4 | | Attard: Triq Marija Stella Caruana | Attard qal li hemm problema bil-ġrieden f'din it-triq. | |

**09. 6.** **Slow streets;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 09. 6. 1 | | | Kien hemm qbil li dan il-proġett ma jsirx. | |

**09. 7.** **Traffic Management - Triq Bugħarbiel;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 09 7 1 | | | Din il-problem ser tiġi diskussa fil-laqgħa li ser issir apposta dwar dawn il-proposti u problemi. | |

**09. 8.** **Żejt iż-Żejtun;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 09. 8. 1 | | Sindku | Is-Sindku qalet li din ser issir bejn it-28 u d-29 t'Awwissu. Ser jibdew il-laqgħat dwar dan. | |

**09. 9.** **Servizz tas-Silver-T;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 09. 9. 1 | | | Ma ġitx diskussa f'din il-laqgħa. | |

**09. 10.** **Attivitajiet organizzati mill-Kunsill;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 09. 10. 1 | | Aquilina | Aquilina qal li qed jaħdem fuq diversi attivitajiet fosthom il-Kunċert tal-Milied, kompetizzjoni tal-prespeji. Jixtieq li jerġa jitqajjem il-Karnival fiż-Żejtun. Ġieh iż-Żejtun tibqa' ssir fid-19 ta' Marzu u f'Lulju t-tifkira tal-għoti tat-titlu ta' belt u ssir il-kompetizzjoni letterarja, djalett u Għana. Jixtieq ukoll li bħala kunsill nieħu sehem b'mod uffiċjali bħala kunsill. Jinħareġ ukoll il-fuljett bl-attivitajiet tal-ġimgħa l-kbira li jiġu organizzati mill-għaqdiet. | Aquilina |
| 09. 0. 2 | | Abela: Blood Donation Unit | Abela qalet li fil-15 ta' Settembru ser ikollna fostna l-*Blood Donation Unit.* Dan ser ikun fi Pjazza Gregorio Bonici. | Abela |

**09. 11.** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-pagamenti;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 09. 11. 1 | | Tabella tal-Ħlasijiet 08/24 | Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill. | Segretarju Eżekuttiv |
| 09. 11. 2 | | Talbiet għal Xiri Seduta09/24 | Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi. | Segretarju Eżekuttiv |
| 09. 11. 3 | | *Petty Cash* - Lulju 2024 | Il-Kunsill approva nem.con. il-*petty cash* li ntefaq fix-xahar ta' Settembru hekk kif preżentat. Dan kien jammonta għal €211.54. | Segretarju Eżekuttiv |
| 09. 11. 4 | | Quarterly Financial Statements | Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni il-*Quarterly Financial Statements* fejn ta spjega tad-dħul u ħruġ. Dawn ġew approvati b'mod unanimu. | Segretarju Eżekuttiv |

**09 12** **Mozzjonijiet; u**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 09. | 12 | 1 | Ma kinx hemm mozzjonijiet imressqa. | |

**09 13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|

Is-Sindku għalqet il-laqgħa fid-8:53pm. Laqgħa oħra ser issir nhar it-Tnejn, 16 ta' Settembru 2024 fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Żejtun fil-5.30pm.

Joan Agius

Sindku

Anton Falzon

Segretarju Eżekuttiv